# Informazzjoni mportanti li għandek tiftakar dwar il-kura b'GILENYA

## L-ewwel darba li tieħu GILENYA® (fingolimod)

- Rata baxxa tat-taħbit tal-qalb u rata irregolari tat-taħbit tal-qalb
  Fil-bidu tal- kura, GILENYA jwassal biex titbaxxa r-rata tat-taħbit tal-qalb. Bħala riżultat, tista' tħossok sturdut jew tinżillek il-pressjoni. It-tabib tiegħek sejjer jitolbok toqgħod fil-klinika għal 6 sigħat wara li tieħu l- ewwel doża sabiex ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri x-xierqa fil-każ ta' effetti sekondarji. L-istess japplika jekk tkun ser tkompli l-kura wara waqfien ta' aktar minn ġimagħtejn

NOVARTIS
Novartis Pharma Services Inc.
Tel: + 356 2298 3217

GIL PC2 10/11 MT

## Waqt li qed tieħu GILENYA® (fingolimod)

- Infezzjonijiet - Waqt li qed tieħu GILENYA jistgħu jaqbduk infezzjonijiet aktar malajr. Jekk taħseb li għandek infezzjoni, għandek id-deni, jew tħossok qisu għandek l-influwenza, waqt u sa xahrejn wara li tieqaf tieħdu, sejjaħ it-tabib minnufih

- Problemi fil-vista - GILENYA jista jikkawza nefħa fuq wara tal-għajn, kundizzjoni msejħa edema makulari. Għid lit-tabib tiegħek dwar kwalunkwe tibdil fil-vista, waqt u sa xahrejn wara li tieqaf tieħu l-kura

- Il-funzjoni tal-fwied - GILENYA jista' jwassal għal riżultati anormali fit-testijiet tal-funzjoni tal-fwied. Ikollok bżonn tagħmel eżami tad-demm qabel ma tibda l-kura u xahar, tlitt xhur u sitt xhur wara li tkun bdejt il-kura b'GILENYA u perjodikament minn hemm 'il quddiem

- Tqala - Evita li toħroġ tqila waqt li qed tieħu GILENYA jew fix-xahrejn wara li tkun waqaft tieħdu minħabba li hemm ir-riskju li jagħmel il-ħsara lit-tarbija. Kellem lit-tabib tiegħek dwar metodi xierqa biex ma toħroġx tqila u li għandek tuża waqt li qed tingħata l-kura u matul ix-xahrejn ta' wara li tkun waqaft tieħu l-kura. Jekk toħroġ tqila (ippjanata jew mhux ippjanata) inti u tieħu l-kura u sa xahrejn wara li waqqaft il-kura b'GILENYA, kellem lit-tabib tiegħek minnufih